**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Marzu 2025**

Rikors Numru 54/2025 AL

AB

vs

C B

(M.R. Numru 210/2011)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

Illi l-partijiet iżżewgu fit-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (2011) (Ara ċ-ċertifikat taż-żwieġ li qiegħed jiġi hawn anness ma' dan ir-rikors immarkat bħala Dok. A) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifel li għadu minuri;

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* sa mill-2022 u legalment separati bis-saħħa ta' kuntratt ta-separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Rosalyn Aquilina fit-tlieta (3) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) (Ara kopja tal-att immarkat bħala Dok. B li qiegħed jiġi hawn annessi ma' dan ir-rikors);

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom;

Illi m'hemm l-ebda kwistjoni dwar il-manteniment dovut f'dan l-istadju a favur binhom minuri;

Illi kemm ir-Rikorrenti kif ukoll l-Intimat m'humiex intitolati li jirċievu l-manteniment stante li skont il-kuntratt tas-separazzjoni hawn fuq deskritt huma kienu rrinunzzjaw għad-dritt li jirċievu manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1.Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet;

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Gunju 2024;

Sesmghet lill-intimat prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li m'ghandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-

partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Awwissu 2023 u *de* facto separati mil-2022.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.